# Il-Ħadd 21.06.2020

1. Issa li għaddejna l-ewwel ġimgħa minn mindu erġajna bdejna l-Quddies miftuħ għall-Pubbliku, nibqa' nappella li nosservaw u nimxu mal-miżuri ta' prevenzjoni minħabba l-COVID-19. Nuru li nafu nirrispettaw u nibżgħu għal xulxin. Grazzi lil min qed jgħin bħala Usher u fit-tindif, u nerġa' nappella biex min jista' joffri dan is-servizz f'xi quddiesa javviċinani.

2. Illum 21/06, **Festa tal-Qalb ta' Ġesù *- Jum il-Missier -*** *Għeluq tal-Ġimgħa Ewkaristika*: Ġesù Sagramentat ikun espost fil-Knisja Parrokkjali għall-adorazzjoni tagħna:
   - AM: bejn 9:45am u 10:30am; PM: bejn 5:15pm u 6:00pm.
   - PM: Wara l-Quddiesa tas-6:00pm – Purċissjoni qasira li tagħlaq bl-Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù w l-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier.
     *Il-Purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Misraħ il-Knisja għaz-zuntier tal-Knisja.*

   - Mt. 11,29: Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għax jiena ta' qalb ħelwa u umli.
   - **QARI I** - Dewt 7, 6-11: Il-Mulej tgħaxxaq bikom u għażilkom.
   - **SALM RESP.** - Salm 102 (103), 1-2.3-4.6-7.8.10: It-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem
   - **QARI II** - 1 Ġw 4, 7-16: Alla ħabbna qabel ħabbejnieh aħna.
   - **EVANĠELJU SKONT SAN MATTEW** - Mt. 11,25-30: Jiena ta' qalb ħelwa u umli.

   - Infakkar li l-quddiesa li ssoltu niċċelebraw fiċ-Ċimiterju b'rabta ma' Jum il-Missier mhux għaqli nagħmluha, iżda ċ-Ċimiterju xorta jiftaħ mit-8:00am sal-5:00pm biex tkunu tistgħu tinviżtaw il-fdalijiet tal-għeżież tagħkom.

3. It-Tnejn 22/06:
   - Fis-7:30pm - Laqgħa għal dawk il-ġenituri / kustodi li għandhom uliedhom għall-Griżma tal-Isqof fil-knisja parrokkjali.

4. Il-Ħamis 25/06:
   - Mit-8:00pm u d-9:00pm - Adorazzjoni fil-Bażilika tal-Mosta ma' Mons. Arċisqof fejn isir talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali, u b'mod speċjali għal dawk li ser jiġu ordanti Djakni u Presbiteri. L-Adorazzjoni tixxandar live fuq il-Paġna FB tal-Vokazzjonijiet tas-Seminarju.

5. Avviżi oħra:
   - **L-Ordinazzjoni Presbiterali**:- Illum (21/06) jagħlqu il-publikazzjonijiet li hemm fin-Notice board tal-Knisja tat-tnedijiet tad-Djaknu mill-Parroċċa tagħna, Rev. Tony Pace li jsejjħu lilna lkoll biex jekk nafu b'xi raġuni ta' impediment jew irregolarità li bihom m'għandux jingħata l-Ordinazzjoni tinfurmaw lill-Kappillan jew il-Kurja. L-Ordinazzjoni Presbiterali ser ssir it-Tnejn 29/06, Solennità ta' San Pietru u San Pawl (l-Imnarja) fis-6:30pm f'Quddiesa apposta fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid. Insegwu lkoll ix-xandira diretta fuq TVM2. (Ma ssirx il-quddiesa tas-6:30pm fil-Knisja Parrokkjali tagħna).
   - **Is-Sagrament tal-Magħmudija**:- Mill-Ħadd li ġej (28/06) u tul il-Ħdud ta' Lulju ser jibda jiġi ċċelebrat dan is-Sagrament f'quddies apposta fl-10:30am.
   - **Tqarbin tal-Morda fi djarhom**:- Mill-Ewwel Ġimgħa tax-xahar ta' Lulju (03/07) nistgħu nerġgħu nibdew it-Tqarbin tal-Morda, b'rispett sħiħ lejn il-miżuri ta' prevenzjoni minħabba l-COVID-19. Min ikollu xi diffikultà dwar dan jinforma lill-Kappillan.
   - **L-EWWEL TQARBINA 2020**:- Id-data taċ-Ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament fil-parroċċa tagħna ser tkun il-ĦADD 26/07/2020 fil-Quddies tad-9:00am u tal-10:30am.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 115 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda.
   - € 70 bħala donazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.